MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 104/2007

Francis u George aħwa Schembri.

vs

Dun Emmanuel sive Noel Saliba,
Angelina Schembi, u
Dun Reuben Micallef bħala l-Arċipriet
Tal-Parroċċa ta' Santa Marija, Zebbug, Għawdex.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-atturi, li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi:

1. Illi l-esponenti kienu wirtu, fost affarijiet oħra, diversi pezez tan-newl u lożor tan-newl, mingħand missierhom Joseph Schembri, u zijuhyom Anthony Schembri u Roża Schembri, liema oġġetti kienu ilhom fil-familja tagħhom għal diversi snin;

2. Illi dawn l-oġġetti tan-newl, li għandhom preġju kulturali konsiderevoli u kwindi, valur sostanzjali, kienu ilhom diversi snin jinsabu fid-dar ta' l-esponenti Francis Schembri ġewwa 'Ir-Redentur', Triq Mattia Preti, Rabat, Għawdex, liema dar hija proprjeta' parafernali ta' l-istess esponenti u kienu wkoll id-dar matrimonjali tiegħu u ta' martu l-intimata Angelina Schembri;

3. Illi għal ħabta ta' l-aħħar ta' Novembru 2006, l-esponenti Francis Schembri induna illi diversi pezez tan-newl u lożor tan-newl kienu neqsin minn posthom ġod-dar fuq imsemmija u, sussegwentement, huwa identifika dawn l-oġġetti b'mod inekwivok meta ntebah illi dawn kienu qegħdin jiġu wżati biex iżejnu l-vari tal-Gimgħa l-Kbira u l-mejda tal-Appostli tal-Parroċċa taż-Zebbuġ, Għawdex;

4. Illi sa reċentament, l-intimat Dun Emmanuel Saliba kien l-Arċipriet tal-Parroċċa taż-Zebbug u warajh laħaq Arċipriet l-intimat Dun Reuben Micallef;

5. Illi Francis Schembri sar jaf illi dawn l-oġġetti naqsu meta Angiolina Schembri ġiet awtorizzata illi tirrisjedi fid-dar ġewwa Triq Mattia Preti, u dan mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' Digriet datat 28 ta' Novembru, 2006;

6. Illi f'dan iż-żmien, meta l-esponenti Francis Schembri rrealiżża illi oġġetti in kwistjoni ġew neqsin mid-dar tiegħu ġewwa 'Ir-Redentur', Triq Mattia Preti, Rabat, Għawdex, la hu u lanqas martu l-intimata Angelina Schembri u wliedhom ma kienu qegħdin jirrisjedu fl-imsemmija dar, u dan għall-aħħar sitt snin ta' qabel cirka, għaliex kienu jgħixu fi flat ġewwa Marsalforn;

7. Illi b'danakollu, l-uniċi persuni illi kellhom aċċess effettiv għall-imsemmija dar f'dan iż-żmien, u għalhekk għall-oġġetti in kwistjoni, kienu l-esponenti Francis Schembri stess, martu l-intimata Angelina Schembri u binhom Roderick Schembri;

8. Illi jirriżulta illi l-intimata Angelina Schembri ħadet dawn l-oġġetti di proprjeta' parafernali ta' l-

esponenti mill-pussess tagħhom ad insaputa u għalhekk mingħajr il-kunsens tagħhom, sabiex hi tagħtihom lil ħuha l-intimat l-ieħor Dun Emmanuel Saliba għall-finijiet tal-Parroċċa taż-Zebbug, Għawdex u effettivament illum dawn l-oġġetti jinsabu ġewwa l-imsemmija Parroċċa u għalhekk fil-pussess ta' l-intimat Dun Rueben Micallef;

9. Illi fil-fatt, l-esponenti kienu għamlu rapport lill-pulizija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-intimati jew min minnhom għa dan l-aġir illegali tagħhom u, għalkemm baqgħu ma ttieħdu l-ebda proċeduri kriminali f'dan ir-rigward, jirriżulta mill-investigazzjonijiet relattivi li saru, illi l-intimat Dun Emmanuel Saliba stqarr illi l-oġġetti in kwistjoni kienu fil-pussess tiegħu.

Ir-raġuni tat-talba.

1. Illi għalhekk, l-aġir ta' l-intimati, illi b'mod klandestin u abbużiv, ċaħħdu lill-esponenti minn ħwejjiġhom mingħajr il-kunsens u ad insaputa tagħhom, huma illegali;

2. Illi minkejja illi ġew debitament interpellati, anke permezz ta' ittra legali datata 30 ta' Awissu 2007 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. A, l-intimati qegħdin jirrifjutaw illi jirritornaw l-oġġetti in kwistjoni lill-esponenti, li għalhekk qegħdin isofru d-danni konsistenti fil-valur ta' l-oġġetti tan-newl li, kif diġa' ngħad, huma ta' valur kulturali konsiderevoli.

3. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi l-intimati jew min minnhom ħadu llegalment mill-pussess ta' l-esponenti u mingħajr il-kunsens tagħhom, diversi pezez tan-newl u l-lożor tan-newl di proprjeta' ta' l-istess esponenti;

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jirripristinaw lill-esponenti fil-pussess ta' l-oġġetti tan-newl

in kwistjoni billi jirritornaw lilhom l-oġġetti msemmija f'terminu qasir u perentorju li tiġi ffissata minn dina l-Qorti fid-diskrezzjoni tagħha;
3. Tiddikjara illi minħabba l-aġir illegali ta' l-intimati, kif fuq premess, l-esponenti sofrew id-danni;

4. Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-esponenti bħala riżultat ta' l-aġir illegali ta' l-intimat, kif fuq premess;

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-esponenti, dawk id-danni hekk likwidati f'każ illi t-tieni talba ma tistax tintlaqa'.

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimati li jibqgħu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. In linea preliminari hemm il-karenza tal-interess ġuridiku fl-atturi. Din l-azzjoni hija maħsuba esklussivament biex tagħmel ħsara lill-imħarrkin mingħajr ma tagħti l-ebda vantaġġ utili lill-atturi, għajr is-"sudisfazzjoni" li jkunu qagħbru lill-istess imħarrkin. Dawn l-azzjonijiet huma magħrufa fid-duttrina bħala *acta ad aemulationem.* F'każijiet bħal dawn, id-duttrina tqis li azzjonijiet ta' din l-għamla huma saħansitra llegali u jonqos fihom l-interess ġuridiku meħtieġ;

2. In linea preliminari hemm ukoll il-karenza tal-interess ġuridiku fl-atturi billi hemm nieqsa l-elementi kollha meħtieġa skond il-liġi sabiex jissussisti dan l-interess. Mhuwiex minnu li l-atturi kienu fil-pussess ta' xi pezez jew lożor tan-newl li ttieħdu mingħandhom mill-atturi. Il-ftit xoqoq tan-newl (xi biċċtejn b'kollox) u mhux pezez jew lożor u ċioe' l-kwantita' kif hemm iddikjarat fir-rikors tal-atturi, kienet iddisponiet minnu b'nod volontarju omm l-atturi Gużeppa Schembri f'ħajjitha, li mietet fl-2005, u dan billi kienet offrietu u ddonatu bħalma għamlu ħafna nies oħra lill-parroċċa taż-Zebbug meta fir-Randan tas-sena 1997, kienet saret talba sabiex jingħata b'offerta

drapp tan-newl biex jinħatu l-ħwejjeġ għal vari tal-Gimgħa l-Kbira, liema ħwejjeġ kienu żżanznu dik is-sena stess. L-interess irid ikun a) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta’ eżistenza ta’ dritt u l-vjolazzjonji tiegħu; b) dirett u personali, fis-sens li huwa dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt, jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f’kondizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta’ dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur;

3. In linea preliminari wkoll u bla preġudizzju għall-premess, l-esponenti Reverendu Dun Emanuel Saliba u Angelina sive Lina Schembri mhumiex il-leġittimi kontraditturi u għaldaqstant għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

4. In linea preliminari wkoll u bla preġudizzju għall-premess, l-azzjoni attriċi għad-danni hija perenta bid-dekors ta’ sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

5. Illi fil-meritu d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tagħha tat-13 ta' Jannar 2010 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiġbru mingħand il-konvenuti xi pezez tan-newl proprjeta'

tagħhom, li jallegaw li dawn ta' l-aħħar approprjaw ruħhom minnhom mingħajr il-kunsens tagħhom.
Bl-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tagħhom il-konvenuti eċċepew in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-atturi li jipproponu din il-kawża.

Il-**Mattirolo** (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano; Torino 5ta. ed. Torino 1902 #54 et. seq.) ifisser b'mod tassew luċidu x'inhu l-interess ġuridiku li jrid ikun hemm f'kull kawża bil-mod segwenti:

"*54. L'azione presuppone il diritto, che essa e' chiamata a tutelare; ma perche' la si eserciti e' mestieri che vi si abbia interesse. Indi la massima di giurisprudenza tradizionale "**l'interesse e' la misura di azione**" "**point d'interet, point d'action**". Il Codice di procedura civile italiano enuncia questo principio, applicandolo sia all'attore che al convenuto: all'articolo 36* (illum art. 100 c.p.c.) *e' detto che '**per proporre una domanda in giudizio e per contradirre alla medesima, e' necessario avervi interesse'**…. l'interesse necessario per potere partecipare alla causa in qualita' di attore, di convenuto, o di terzo interveniete – deve essere **diretto, legittimo, e attuale**.*

*55. E' mestieri dapprima che l'interesse sia **diretto, personale**, perche' …niuno e' ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, o di persona che esso legalmente rappresenta.*

*56. L'interese deve in secondo luogo essere **legittimo**, cioe' confome al diritto di chi sta in causa. L'interesse e' cosa essenzialmente distinta dal diritto, come l'utile e' distinto dal giusto; l'azione compete soltanto a tutula dei diritti, l'interesse e' la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l'interesse e' scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibilie; cosi' che,per isituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, danno che non esiste se non e' injuria datum, se cioe' non e' prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

*57. Per ultimo l'interesse deve essere* ***attuale,*** *val quanto dire occorre che esista al momento in cui si propone l'azione. Avvertasi pero' che l'interesse puo' essere attuale, sebbene il diritto a cui si riferisce sia soltanto a termine, od anche solo eventuale; imperocche' anche un diritto eventuale puo' essere leso; e la lesione fa sorgere l'interesse attuale e legittimo ad ottenere al ricognizione del diritto col mezzo di una condanna preventiva, che risolva la contesa presente*" ( pag. 50 – 52).

Il-liġi proċedurali tagħna ma tipprovdix artikolu speċifiku dwar dan l-interess ġuridiku f'kawża bħal ma tagħmel dik taljana. Imma kif kellhom okkażjoni jgħidu l-Qrati tagħna:

" *Fu nondimeno ritenuto nella patria giurisprudenza, malgrado il difetto di una preciza disposizione della legge in materia, e come corollario di queste due disposizioni (ss. 256 u 960) che base e misura di ogni azione giudiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta; perche' se l'interesse e' una condizione sine qua non per il semplice intervento o per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio*".[1]

Fil-każ preżenti, l-atturi qed jallegaw illi xi pezez ta' newl li kienu wirtu mingħand il-familja ta' missierhom ġew meħuda mill-konvenuta Angiolina Schembri mid-dar marimonjali tagħha u l-attur Francis Schembri biex ingħataw lil ħuha l-konvenut Dun Noel Saliba li dakinhar kien Arċipriet tal-Parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex, u dana sabiex jiġu utilizzati ħalli jlibbsu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-konvenuti jsostnu illi din hija kawża għal kollox vessatorja u saret biss biex l-atturi jimmolestaw lill-konvenuti aħwa Saliba minħabba l-problemi familjari li nqalgħu u li taw anke lok għal kawża ta' separazzjoni bejn l-attur Francis Schembri u martu. Imma anke jekk seta' kien hemm skopijiet ulterjuri għaliex l-atturi istitwew din il-kawża, ħaġa li hawnhekk mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fihom, ma jidhirx illi jista' jingħad li l-atturi ma

[1] Micallef Goggi vs Armando Mifsud kollez vol. XXVII. I. 507 .

kellhomx interess ġuridiku kif imfisser hawn fuq biex jippromwovu din il-kawza.
F'każ ta' eżitu favorevoli għalihom, jekk l-atturi jirnexxielhom jipprovaw illi huma tassew kellhom xi pezez ta' newl li ttieħdulhom mill-konvenuti b'mod klandestin, u dawn il-pezez jiġu identifikati, il-Qorti tasal biex tordna illi dawn jiġu ritornati lilhom. F'każ li ma jkunux jistgħu jiġu identifikati, u mingħajr f'dan l-istadju ma tidħol ukoll biex teżamina l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, l-atturi jistgħu jkunu ntitolati għad-danni. Jidher għalhekk illi l-atturi għandhom interess dirett, leġittimu u attwali f'din il-kawża, u konsegwentement dawn l-eċċezzjonijiet mhumiex ġustifikati.

Preliminarjament il-konvenuti eċċepew ukoll illi l-konvenuti Dun Noel Saliba u Angelina Schembri mhumiex leġittimi kontradditturi ta' l-atturi. Dan għaliex, kif jispjegaw fid-depożizzjonijiet rispettivi tagħhom, il-ftit pezez ta' newl provenjenti mill-familja Schembri li spiċċaw intużaw fil-vara ta' aħħar ċena tal-Parroċċa taż-Żebbuġ, kienu ingħataw minn omm l-atturi stess Josephine Schembri wara li kien sar appell mill-arċipriet ta' dakinhar, l-istess konvenut Dun Noel Schembri. Il-konvenuta Angelina Schembri kienet intalbet twassal sorra li omm l-atturi kienet qaltilha li tikkontjeni dawn il-pezez lil ħuha l-arċipriet, u hija hekk fil-fatt għamlet. Din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex temmew lill-konvenuti f'dak li stqarrew f'dan ir-rigward, għar-raġuni illi, kif ammetta l-istess attur Francis Schembri, dik il-ħabta huwa u martu kienu jirrisjedu Marsalforn. Fid-dar tar-Rabat, fejn allegatament kienu qed jinżammu dawn il-pezez tan-newl wara li ġew trasferiti hemmhekk mill-ħanut ta' Pjazza ta' San Gorg, meta dan kien ser jiġi demolit biex minfloku jinbew xi appartamenti, ma kien joqgħod ħadd u kienu jitilghu biss l-attur Francis Schembri u ibnu biex jiġbru l-affarijiet tas-sajd mill-*garage* anness. Żgur għalhekk li ma seta' kien hemm ebda okkazzjoni li l-konvenuta Angolina Schembri toħroġ xi affarijiet minn hemm ġew bil-moħbi u mingħajr ma jinduna żewġha għal iżjed minn disa' snin. Din l-eċċezzjoni timmerita għalhekk li tintlaqa' u l-konvenuti Dun Noel Saliba u Angelina Schembri, billi jirriżulta li ma ħadu u lanqas għandhom xi pezez tan-newl

appartenenti lill-atturi, għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fir-rigward tal-konvenut l-ieħor Dun Ruben Micallef, li huwa l-Arċipriet attwali tal-Parroċċa taż-Żebbug, ġialadarba huwa ammess illi omm l-atturi kienet tat xi tliet biċċiet ta' newl biex jitlibbsu xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira, jekk kellu jirriżulta li omm l-atturi qabdet u ddonat dawn il-pezez mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tal-proprejtarji veri, jista' jiġi kkundannat biex jirritornahom kemm-il darba jiġu identifikati. Imma fil-każ in eżami, l-atturi għalkemm ġie allegat illi dawn kienu jappartjeni l-wirt ta' l-atturi minn naħa ta' missierhom, ma rnexxielhomx jippruvaw b'mod sodisfaċenti illi dawn il-pezez kienu tassew jappartjenu lilhom u mhux lill-ommhom. Terġa' lanqas fuq il-post, waqt l-aċċess li nżamm fis-sagristija tal-Knisja parrokjali taż-Żebbuġ, l-attur Francis Schembri ma setax jidentifika fiċ-ċert liema kienu l-pezez li allegatament itteħdulu, billi kien hemm ħafna bi strixxi kannella u bojod, kif qal li kienu dawk li tteħdulu.

Dan iwassal għat-talba alternattiva għall-kumpens. Imma kif sewwa eċċepew fir-raba eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti, din it-talba hija preskritta bid-dekors ta' sentejn minn meta suppost ġara l-allegat fatt. Mhux kontestat illi l-appell lill-parroċċjani biex jirregalaw xi newl li seta' kellhom fid-djar tagħhom  sar fis-sena elf disa' mija seba' u disgħin (1997),[2] u dawn bdew jingħataw minnufih. Infatti intużaw l-ewwel darba fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' dik is-sena. Kif tajjeb indikaw il-konvenuti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom, l-azzjonijiet kollha għad-danni li ma joriġinawx minn reat, huma preskritti bid-dekors ta' sentejn, a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16. Dan il-perijodu laħaq skada ampjament sa meta l-atturi ġew biex jintavolaw il-kawża preżenti iżjed minn disa' snin wara fis-27 ta' Settembru 2007. Din l-eċċezzjoni timmerita wkoll li tiġi għalhekk milqugħa.

---

[2] ara f'dan ir-rigward l-bullettini tal-parocca esebiti a fol. 89 -91 tal-process

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti u tillibera lill-konvenuti Reverendu Dun Noel Saliba u Angelina Schembri mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' wkoll ir-raba eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni, u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------